MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 734/2003/1

**Carmelo Vassallo**

**v.**

**Ezekiele Vassallo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Lulju 2003 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta illi huwa kien

akkwista u xtara minghand Francesco Vassallo, Suor Maria Fernanda u Paolo, ahwa Vassallo, u ommhom Guzeppa Vassallo porzjon raba maqsuma mill-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, kontrada “Ta’ Bur il-Kbir’’ denominata ‘’Ta’ Beccinu’’ tal-kejl superficjali din il-porzjon raba ta’ cirka tomna, keltejn u sebgha u sittin centezmu ta’ kejla (Tom. 1.0.267/100) ekwivalenti ghal cirka elf, mija u hamsa u sebghin punt decimali sitta metri kwadri (1175.6m$^2$), tikkonfina min-Nofsinhar mas-Sqaq tal-Beccinu, mill-Majjistral ma’ raba ta’ l-eredi ta’ Emanuele Vassallo u mill-Grigal ma’ raba ta’ Francesco Vassallo gja` ta’ Carmela Vassallo bil-komunjoni tal-kamra u tal-bir li hemm fil-porzjon raba vicina ta’ Francesco Vassallo gja` ta’ Carmela Vassallo u bil-proprjeta` esklussiva ta’ bir iehor li qieghed fl-istess porzjon raba ta’ Francesco Vassallo u bhala soggett ghal passagg bir-rigel u bil-bhima versu porzjon raba ohra u dan skond kuntratt tal-15 ta’ Ottubru 1982 fl-atti tan-Nutar Nicola Said kopja tieghu anness u mmarkat Dok. A bil-pjanti relattivi mmarkati Dok. B; illi din il-porzjon raba, proprjeta` ta’ l-attur, kienet tappartjeni lil certu Michele Vassallo li kienet messet lilu mill-eredita` tal-genituri tieghu b’kuntratt ta’ divizjoni fl-atti ta’ l-istess Nutar Nicola Said tas-17 ta’ Novembru 1952, liema porzjon hija ndikata bin-numru (2) fuq il-pjanta relattiva ta’ l-istess kuntratt, kopja annessa u mmarkata Dok. C, u liema porzjon kienu finalment wirtuha l-imsemmija Francesco Vassallo et; illi r-raba de quo tikkonfina u hija adjacenti ma’ porzjonijiet ta’ raba ohrajn wahda minnhom tal-konvenut Ezekiele Vassallo; illi ricentament l-attur intebah li l-posta li kienet tindika l-estremijiet tal-konfini tal-porzjonijiet ta’ raba tal-kontendenti, u li effettivament tifred ir-raba ta’ l-attur mir-raba tal-konvenut, giet spustjata ‘il gewwa fir-raba ta’ l-attur b’mod li l-posta tindika li l-attur jipposjedi cirka 95 metri kwadri inqas minn dak li realment igawdi fi proprjeta` assoluta, liema 95 metri kwadri gew abbuzivament maghduda mar-raba proprjeta` tal-konvenut; illi l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti m’humiex jindikaw id-daqs tal-porzjonijiet ta’ raba tal-kontendenti kif stabbiliet perizja tal-Perit Arkitett Robert Musumeci u kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut ghandu hsieb car li jzid l-estenzjoni tar-raba tal-attur a

vantagg tieghu u dan billi wara nterpellanza ta’ l-attur il-konvenut wiegeb li kemm hu u qablu missieru ilhom jokkupaw animo domini l-estensjoni ezistenti tar-raba mill-1952; illi effettivament il-posta kienet f’postha – fejn suppost – meta l-attur akkwista r-raba tieghu fl-1982 kif ser jikkonfermaw diversi xhieda peritali li hejjew il-pjanti relattivi ghall-att opportun ta’ l-akkwist; illi l-konvenut interpellat biex iressaq il-posta fejn kienet originalment u fejn suppost, baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur talab lil dik il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur huwa proprjetarju tal-porzjon raba suindikat tal-kejl ta’ 1175.6m$^2$ kif fuq ahjar premess.

2. Tiddikjara li l-konvenut abbuzivament u klandestinament caqlaq il-posta li tifred ir-raba ta’ l-attur mir-raba tal-konvenut ‘il gewwa fir-raba ta’ l-attur b’mod li appropja ruhu indebitament minn cirka 95 metri kwadri.

3. Tiddikjara li 95 metri kwadri li gew maghduda mar-raba tal-konvenut huma effettivament proprjeta` esklussiva ta’ l-attur kif fuq inghad.
4. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristina kollox fl-istat originali tieghu u jizgombra minn dik il-parti tar-raba ta’ l-atturi li qieghed jipposjedi abbuzivament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fid-9 ta’ Dicembru, 2003 (fol. 20) il-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni antecedenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li ma huwiex minnu li l-eccipjenti qieghed jokkupa llegalment xi porzjon ta’ art proprjeta` ta’ l-attur. Fil-fatt l-eccipjenti u familtu ilhom jokkupaw kostantament u

ininterrottament l-istess medda ta' art sa minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Nicola Said datat 17 ta' Novembru 1952.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru, 2006 bil-mod segwenti:
"Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li l-attur huwa proprjetarju tal-porzjon raba tal-kejl ta' 1175.6m$^2$;

"Tiddikjara li l-konvenut abbuzivament u klandestinament caqlaq il-posta li tifred ir-raba ta' l-attur mir-raba tal-konvenut 'il gewwa fir-raba ta' l-attur b'mod li appropja ruhu indebitament minn cirka 95 metri kwadri.

"Tiddikjara li hamsa u disghin (95) metri kwadri li gew maghduda mar-raba tal-konvenut huma effettivament proprjeta` esklussiva ta' l-attur;

"Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar improrogabbili jirripristina kollox fl-istat originali tieghu u jizgumbra minn dik il-parti tar-raba ta' l-attur li qieghed jipposjedi abbuzivament.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"F'dina l-kawza l-attur qed jikkontendi li parti mill-ghalqa tal-konvenut hija tieghu billi qed jallega li l-konvenut abusivament caqlaq il-posta li tifred ir-raba tieghu minn dika tal-konvenut il gewwa b'mod li approprja ruhhu indebitament minn circa 95 metri kwadri.

"Hu xehed li kien akkwista l-art in kwistjoni minghand missieru u hutu skond kuntratt esebit a fol. 6 datat 25 ta' Ottubru 1982. Ir-raba li akkwista kien fiha kejl ta' 1175.6 m$^2$ cirka. Originarjament dina l-porzjoni art kienet tifforma

parti minn raba wiehed li kien ghand Filomena Vassallo u in segwitu nqasmet fi tlett bicciet indaqs fil-1952. Meta l-attur xtara r-raba tieghu dina kienet delinejata b'posta li kienet tifred ir-raba tieghu mir-raba li sussegwentement akkwista l-konvenut. Qabel ma kien xtara l-art, kien qabbad lil Perit Renato Laferla biex jiehu l-qisien taghha (Ara Dok CV 1 fol. 76). Imbaghad fis-sena 2003 meta darba kien mar biex jirranga l-hitan tas-sejjiegh tar-raba, skopra li l-posta sparixxiet minn fejn kienet qabel. Meta dahal bil-van induna li ma kienx hemm l-istess spazju ta' qabel. Ghalhekk kien qabbad lil Perit Musumeci biex ikejjel u dan ikkonfermalu li minflok 1175.6 kien fadal 1080.3 u cjoe` 95.3 inqas.

"L-attur qed isostni ghalhekk li l-konvenut hadlu parti mill-ghalqa billi gie kostatat mill-Perit Musumeci li hu m'ghandux il-kejl li kien xtara bil-kuntratt tan-1982 u li kien verifikat fil-pjanta li kien ghamel il-Perit Renato Laferla, u l-ghalqa kellha tkun ta' l-istess daqs bhal tal-konvenut u ta' Francesca Muscat li wkoll fil-1972 (Dok a fol. 102) xtrat 1175.6 mk.

"Il-konvenut Ezekiele Vassallo min-naha l-ohra jghid li hu ilu jokkupa l-istess porzjon diviza ta' raba bhala sid minn meta saret id-divizjoni taghha fil-1952, l-ewwel minn missieru mbaghad minnu. Meta saret id-divizjoni din giet riflessa fizikament b'posti mqieghdha fl-art. Huwa dejjem hadem u okkupa l-ghalqa skond dina l-konfigurazzjoni. Qatt ma kien hemm ilment minn xi hadd li hu kien qed jokkupa art ta' haddiehor u kulhadd kien kuntent bil-porzjon tieghu. Hu dejjem kellu relazzjonijiet tajbin maz-ziju Michele Vassallo u ma' uliedu, fosthom Francis Vassallo li minghandu l-attur xtara l-porzjoni tieghu. Dan Francis Vassallo jiftakarhom jokkupaw ir-raba skond il-qasmiet li hemm illum. Francis Vassallo kien jahdem ir-raba tieghu regolarment u kien jaf ir-raba in kwistjoni sewwa.

"Fil-fatt meta xehed Francis Vassallo, dan qal li kien jahdem l-ghalqa li xtara l-attur fil-1982. Hu jiftakar l-ghalqa shiha qabel ma nqasmet u meta nqasmet kienu saru posti biex jindikaw il-konfigurazzjoni ta' l-ghelieqi. Qatt ma kien

hemm xi lment li dawn iccaqalqu u dejjem kienu jahdmu r-raba hdejn xulxin. Il-qasmiet baqghu dejjem l-istess u l-konvenut dejjem hadem il-porzjoni li llum hija tieghu. Hu u l-konvenut qatt ma kellhom inkwiet bejniethom tant li kienu juzaw il-bjar ta' xulxin. Meta gie kontro-ezaminat wiegeb li meta biegh il-porzjon tieghu lill-attur, hu ma baqax imur l-ghalqa. L-ahhar li rah il-posti. Dawn kienu l-istess bhala meta biegh l-ghalqa lill-attur.

"Il-konvenut ressaq diversi xhieda ohra li qalu l-istess haga, cjoe` li jafu li l-attur qatt ma jkun l-ghalqa tieghu li hija zdingata u li din dejjem baqghet l-istess kif inhi, bl-istess qasmiet, u li hadd ma lmenta li kellu inqas.

"Il-konvenut jirritjeni li l-porzjon raba okkupata minnu tikkorrispondi mal-linja tal-qasma indikata fl-att ta' divizjoni tal-1952 u li r-raba ilha okkupata b'dan il-mod minn missieru u sussegwentement minnu sa minn 1952 u ghalhekk f'dan il-kaz japplika l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 dwar il-preskrizzjoni akkwizitiva.

"Tikkunsidra;

"Il-partijiet jaqblu, u dan gie wkoll konfermat mill-Perit Ludovico Micallef fix-xhieda tieghu, li l-plot ta' l-attur illum fiha inqas *area* miz-zewg porzjonijiet l-ohra. Fil-pjanta esebita a fol. 46 hemm li l-porzjonijiet fihom dan il-kejl: A 1169.2; B 1077.2 C 1315.7. Il-Plot B hija ta' l-attur.

"Illi jirrizulta mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotta li meta saret id-divizjoni ta' l-ghalqa fil-1952 dina nqasmet fi tlett porzjoni ndaqs ta' cirka 1175.6 mk. (Dok C a fol. 12) u kienu tqieghdu posti biex jindikaw il-konfini ta' dawn il-porzjonijiet.
"Illi jidher li ma kien hemm ebda problemi dwar il-porzjoni ta' kull wiehed minn dawn it-tlieta, li kellhom ikunu ndaqs, sa meta l-attur induna li kien qed isib inqas spazju fil-ghalqa tieghu, li hu ma tantx kien jiffrekwenta. Hu jghid li fis-sena 2003 kien mar biex jirranga l-hitan tas-sejjiegh tar-raba, u skopra li l-posta sparixxiet minn fejn kienet qabel u l-ispazju li kien hemm bejn fejn kienet tkun il-posta u fejn kien waddab il-hamrija xi snin qabel, qsar. Meta

dahhal il-van induna li ma kienx hemm l-istess spazju ta' qabel. Hu kellem lil konvenut izda dan qallu li l-posta kienet tmermret.

“Il-konvenut jghid li hu qatt ma mess il-posti u dejjem okkupa l-istess parti kif kienet meta inqasmet fil-1952. Il-Qorti pero` hi tal-fehma li ngabu provi f'dan il-kaz li huma sufficjenti biex juru li fil-fatt l-attur m'ghadtx ghandu l-porzjoni li hu kien xtara fil-1982 u li suppost kellha tkun daqs tal-konvenut u ta' Francesca Muscat.

“Meta l-attur sab li l-ghalqa tieghu ckienet, hu kien qabbad lill Perit R. Musumeci biex ikejjel u dan kien ghamel *survey* fuq is-sit muri fil-pjanta Dok A. Fol. 68 u rrileva li l-qasma ezistenti fuq is-sit – A-B tikkorrispondi ghal kejl ta' circa 1080 mk. Ghalhekk hu qal li jekk il-qasma murija bil-linja A-B tigi mcaqalqa ghal linja C-D il-kejl rizultanti tas-sit jigi jikkorrispondi ghal circa 1175mk li l-attur suppost xtara u ghandu llum.

“Dan gie wkoll kkonfermat mill-perit Renato Laferla li kien gie mqabbad mill-attur biex ikejjillu l-ghalqa li kien ser jixtri fil-1982. Il-Perit Laferla kien car u qal li kien ghamel *survey* u pjanta Dok CV 1 a fol. 76 fil-1982. Il-qies tal-ghalqa kien ta' 1175.6.mk. Fejn hemm il-*broken lines* fuq il-pjanta hemm tlett posti li jimmarkjaw kif kienet maqsuma l-bicca art li kien se jixtri l-attur. Hu kien ha qies dettaljat u ghamilha b'akkuratezza kbira ghax pprevedew li jista' jkun hemm kwistjonijiet. Fuq il-pjanta indika bil-highliter isfar fejn hi l-ghalqa li xtara l-attur u immarka b'salib ahmar it-tlett posti. Dawn kienu tal-gebel imdahhlin go l-art mal-hajt. Hu zied jghid li jista' jkun li dina il-pjanta hija mcekkna. L-iskala hija ta' 1/500.

“Il-konvenut ikkritika l-kostatazzjonijiet maghmula mill-Perit Renato Laferla ghax qal li jekk tikkompara l-pjanta li ghamel il-Perit Laferla mal-pjanta tad-divizjoni tal-1962 issib li dawn ma jikkombacjawx u invece mill-ezercizzju mwettaq mill-Perit Ludovico Micallef jirrizulta li l-linja tal-qasma bejn iz-zewg ghelieqi tikkorrispondi ezattament ma' dik indikata fuq il-pjanta ma l-att ta' divizjoni. Il-Qorti tirrileva pero` li l-Perit Renato Laferla kien ha l-kejl tieghu

fuq il-post fil-1982 u ha l-qies b'mod dettaljat u kejjel personalment u fizikament dakinhar, u hariglu kejl li kien jaqbel ma' dak li suppost kienu hadu l-partijiet fin-1952. Meta dan gie konfermat l-attur kien xtara l-porzjoni tieghu.
"Jirrizulta inoltre li mill-kuntratt ta' Francesca Muscat tal-1972 (ara fol. 102) hi kienet akkwistat b'divizjoni l-porzjon taghha ta' cirka 1175.6 ukoll u ghalhekk il-konvenut ma setax kien qed jokkupa minn 1952 il-parti li ghandu llum u li l-attur jallega li hadlu, meta l-porzjonijiet suppost huma kollha indaqs.

"Preskrizzjoni.

"Il-konvenut qed jeccepixxi wkoll li din l-porzjon raba ilha okkupata minn missieru u minnu bhala sidien minn 1952.

"Illi kemm mix-xhieda tal-Perit Renato Laferla u mis-*survey* li hu kien ghamel fil-1982 jirrizulta li l-attur kien xtara l-porzjoni tieghu li kienet ta' *area* ta' 1175.6 u ghalhekk il-konvenut ma setax kien qed jokkupa parti mill-art ta' l-attur u ppreskriva bid-dekors ta' terminu previst mill-ligi ghall-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena.

"Inoltre jigi rilevat li l-konvenut ma jistax ikun li ilu jokkupa l-art tieghu bhala sid minn 1952, l-ewwel minn missieru imbaghad hu, meta fil-1952 l-porzjonijiet inqasmu indaqs, mentri llum jirrizulta li l-attur ghandu aktar."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fl-20 ta' Novembru, 2006, talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant.

L-attur ipprezenta risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn talab li l-appell jigi respint u li s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut appellant ressaq aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata billi qed isostni *"illi mill-provi kumpilati huwa evidenti li t-talbiet attrici kellhom jigu respinti, u dana peress li l-esponenti ressaq provi inkonfondibbli [recte: inkonfutabbli] li minn meta sehhet id-divizjoni bis-sahha ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Nicola Said fis-17 ta' Novembru 1952 li permezz tieghu giet maqsuma art akbar li minnha kienet tifforma parti l-porzjoni diviza ta' art mertu ta' dawna l-proceduri, l-istess esponenti, u qablu missieru Emmanuele Vassallo, dejjem okkupaw l-istess medda ta' raba bil-konfigurazzjoni attwali taghha."*

Fir-risposta tieghu l-attur appellat fl-ewwel lok issolleva l-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-appell billi r-rikors ma kienx gie pprezentat fit-terminu preskritt mil-ligi. Din il-pregudizzjali giet irtirata fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2008 mid-difensur tal-istess attur appellat u ghalhekk ma hemmx lok li tigi kunsidrata minn din il-Qorti. Fil-mertu l-appellat talab li l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**Ikkunsidrat:**

Din hija azzjoni petitorja fejn l-attur qed jitlob li jigi dikjarat gudizzjarjament li huwa sid porzjoni raba tal-kejl ta' 1175.6 metri kwadri u li konsegwentement il-konvenut jigi kundannat jirritorna dik il-parti mill-istess raba li huwa okkupa abbuzivament.

Jirrizulta li l-attur xtara r-raba' tieghu permezz ta' kuntratt ppubblikat min-Nutar Nicola Said fil-15 ta' Ottubru, 1982 minghand Francesco, Suor Maria Fernanda u Paolo, ahwa Vassallo, kif ukoll minghand omm l-istess ahwa Vassallo u cioe` Giuseppa armla ta' Michele Vassallo. Fl-imsemmi kuntratt jinghad li Francesco Vasslo, li kien qed jidher ghall-hutu u ommu, *"qieghed jbiegh u jittrasferixxi in via solidali lill-komparent l-iehor Carmel Vassallo li*

*jaccetta, jakkwista u jixtri: porzjon raba' maqsum mill-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, kuntrada "Ta' Bur il-Kbir" denominata "Ta' Beccinu" – tal-kejl superficjali din il-porzjon raba ta' cirka tomna, keltejn u sebgha u sittin centezmu ta' kejla (Tom. 1.0.2 67/100) ekwivalenti ghal cirka elf mija u hamsa u sebghin punt decimali sitta metri kwadri (1175.6m$^2$) ……. Kif tinsab delineata fil-pjanta hawn annessa unita markata dokument "B"."*

Din il-porzjoni raba akkwistata mill-attur kienet ipperveniet lill-awtur tal-vendituri u cioe` Michele Vassallo in forza ta' kuntratt ta' divizjoni tas-17 ta' Novembru, 1952 fl-atti tal-istess Nutar Nicola Said ma liema kuntratt kienet mghemuza pjanta li kienet tindika l-porzjonijiet tal-kondividendi u li wahda minnhom giet trasferita lill-attur odjern u bil-kejl imsemmi fil-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 1982.
Jirrizulta li meta l-attur kien wasal biex jixtri r-raba in kwistjoni kien inkariga lill-Perit Renato Laferla biex ikejjel l-ghalqa, jaghmel *survey* u jipprepara pjanta. Minn dan is-*survey* irrizulta lill-istess perit li l-kejl tar-raba in vendita kien ezattament dak li l-attur qed jippretendi llum f'dawn il-proceduri cioe` 1175.6m$^2$ u cioe` l-istess kejl li kien ippervjena lill-awtur tal-vendituri in forza tal-kuntratt ta' divizjoni msemmi.

L-attur isostni li qabel ma bdew dawn il-proceduri huwa kien induna li kienet tnehhiet il-posta li kienet tindika l-estremitajiet tal-konfini tal-porzjonijiet tar-raba u li l-konvenut kien qed jokkupa parti mir-raba tieghu. Kien ghalhekk li inkariga lill-Perit Robert Musumeci biex ikejjel ir-raba ezistenti u minn dan is-*survey* irrizulta li effettivament l-estensjoni tar-raba rimanenti kienet tal-kejl ta' cirka 1080m$^2$ u mhux dak li kien indikat fil-kuntratt ta' l-akkwist. Kien ghalhekk li gew istitwiti dawn il-proceduri.

Il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 li jiddisponi li *l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena…..*", u fil-mertu eccepixxa li ma kienx qed jokkupa art tal-attur u li kemm hu u kemm familtu,

kienu jokkupaw din il-bicca art mid-data tal-att ta’ divizjoni tal-1952 fuq imsemmi.

L-ewwel Qorti ddecidiet adezivament mat-talba attrici u konsegwentement laqghat l-istess talbiet billi sabet li fir-realta` il-plot tal-attur kien fiha anqas mill-kejl tal-akkwist u li din il-porzjoni, fil-kuntratt ta’ divizjoni kellha jkollha l-istess kejl taz-zewg porzjonijiet l-ohra u cioe` cirka 1175.6m$^2$, u li dakinhar kienu tpoggew posti biex jindikaw il-konfini. L-ewwel Qorti cahdet ukoll l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut in kwantu mill-provi prodotti rrizulta li l-attur kien verament xtara l-porzjoni tal-kejl indikat fil-kuntratt u li konsegwentement il-konvenut ma setax okkupa parti minn din l-art biex jissodisfa l-perjodu preskrittiv ta’ tletin sena stante li l-akkwist sehh fin-1982.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, ezaminat l-atti u d-dokumenti esebiti u ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti billi, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-konvenut fl-aggravju minnu mressaq, mhux minnu *“illi mill-provi kumpilati huwa evidenti li t-talbiet attrici kellhom jigu respinti”.* Din il-Qorti ma tikkondividix l-asserzjoni tal-istess konvenut appellant li huwa *“ressaq provi inkonfondibbli* [sic!] *li minn meta sehhet id-divizjoni bis-sahha ta’ kuntratt pubblikat min-Nutar Nicola Said fis-17 ta’ Novembru, 1952 li permezz taghha giet maqsuma art akbar li minnha kienet tifforma parti l-porzjon diviza ta’ art mertu ta’ dawn il-proceduri, l-istess esponenti, u qablu missieru Emmanuele Vassallo, dejjem okkupaw l-istess medda ta’ raba bil-konfigurazzjoni attwali.”* Dan jidher car mill-kostatazzjonijiet li kien ghamel il-Perit Renato Laferla li kien gie imqabbad mill-attur espressament biex jaghmel *survey* u jkejjel l-art in vendita <u>qabel ma l-istess attur xtara l-art</u>. Kieku l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut kellha mis-sewwa certament l-istess Perit Renato Laferla kien jinduna sahansitra fin-1982 li parti mill-art li kienet ser tigi trasferita kienet nieqsa billi okkupata minn terzi. Pero` dwar dan ma jirrizulta xejn.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-konvenut appellant. It-terminu ta’ xahar improrogabbli impost fuq il-konvenut ghar-ripristinar tal-art ta’ l-attur jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------